# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBÀ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 54**

14 ta' Novembru 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fil-5.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-
0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

Is-Sindku DSH ppresediet il-laqgħa.

**54.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

54.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**54.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

54.2.1 Saret riferenza għall-Artiklu 53.2.3 u ġie nnotat li favur l-approvazzjoni tal-minuti kien hemm 4 voti u mhux 5 peress li l-Kunsillier AD dak il-ħin ma kienx għadu wasal.

54.2.2 Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 53.15.1 u 53.15.2 rigward il-Festival tal-Logħob tan-Nar Mekkaniżżat peress li sar jaf minn post imtella minn Noel Castillo fuq Facebook li l-Festival ser jkun organizzat ma' l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu (AMT).

Is-Sindku DSH nfurmatu li sa minn April 2018 il-Kunsill kien diġà kellu laqgħa mal- AMT cioe' fl-24 t' April 2018, li kien preżenti għaliha hu stess fejn informalment sar ftehim verbali dwar l-organiżizzjoni tal-imsemmi festival tal-2019 bejn il-Kunsill u l- AMT.
F' laqgħat oħra kienu ġew diskussi l-ispejjeż involuti u l-ammont approssimattiv li ser joħorġu l-Kunsill u l- AMT partikolarment x' ser jiffranka l-Kunsill.
Il-Kunsill kien iddeċieda li ma jinfurmax lis-Sur Castillo (NC) mal-ewwel peress li l-Kunsill ried ftehim formali qabel jikkonferma definitavament li ser jikkollabora mal-AMT.
Intant probabli NC sar jaf minn għajdut li seta' sar minn xi parteċipanti li saru jafu xi ħaġa mill- AMT u xterdet fuq il-medja soċjali fejn kulħadd jista' jgħid li jrid.
Il-Kunsillier JAE ilmenta li ma kienitx saret evalwazzjoni.
Is-Sindku qrat korrispondenza li bagħat NC fil-31 t' Ottubru 2018 u tenniet li l-ftehim kien intlaħaq inforalment f' dik il-laqgħa tal-24 t' April, 2018
Semmiet kif persuna midħla tal-Każin ta' San Ġużepp ta' Ħal-Għaxaq qalet li NC issa qed jgħid li dan il-Festival mhux ser jibqa tal-Maltin kif ġralhom festivals tan-nar oħra organiżati mill- AMT billi daħlu jikkompetu fihom il-barranin.
Saret laqgħa oħra mal- AMT fil- 5 ta' Settembru 2018 li ġiet postponuta għat-18 ta' Settembru 2018 u li għaliha kien mistieden il-Kunsill iżda ma kienitx preżenti is-Segretarju Eżekuttiv imma kien preżenti l-uffiċjali tal-Kunsill li hu responsabbli mill-attivitajiet. Irrimarkat li għalhekk l-Kunsilliera kollha kien jafu sa minn April 2018 li mis-sena d-dieħla dan il-festival kellu jiġi organiżżat konġuntivament mal-AMT u mhux ma' NC.

54.2.2.1 Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AGS sabiex issir emenda fil-minuti billi ssir żieda fil-materja 53.15.1 :- 'Talbu li ssir evalwazzjoni ta' din il-materja proposta'.

54.2.2.2 Is-Sindku DSH resqet kontro-mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku VB li tesiġi li l-munti jibqgħu kif inhuma.

54.2.2.3 Ittieħed vot għall-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE bir-riżultat ikun:
Favur: 2 (JAE, AGS)
Kontra: 2 (DSH, VB)

54.2.2.4 Ittieħed vot għall-kontro-mozzjoni mressqa mis-Sindku DSH bir-riżultat ikun:
Favur: 2 (DSH, VB)
Kontra: 2 (JAE, AGS)

54.2.2.5 Is-Sindku eżerċitat il-casting vote tagħha w għalhekk l-emenda m' għaddietx.

<u>Nota 17:20 Daħal il-Kunsillier AD</u>

54.2.3 Il-Kunsillier JAE irrefera għall-materja 53.5.1 rigward il-Press Conference ta' Ġenna ta' Ġonna.

54.2.3.1 Ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AGS sabiex issir emenda fil-minuti billi ssir żieda fl-imsemmija materja 53.5.1 :- 'Jidher li s-Sindku DSH fil-konferenzi stampi ta' din il-Leġislatura ser titkellem dejjem hi'.

54.2.3.2 Is-Sindku DSH resqet kontro-mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku VB billi fl-imsemmija materja 53.5.1 jiżdied : ' Is-Sindku qalet li bħal ma dejjem sar f' kull konferenza stampa titkellem dejjem is-Sindku, kif fil-fatt isir f' kull lokalità.

54.2.3.3 Ittieħed vot għall-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE bir-riżultat ikun:
Favur: 2 (JAE, AGS)
Kontra: 2 (DSH, VB, AD)

54.2.3.4 Ittieħed vot għall-kontro-mozzjoni mressqa mis-Sindku DSH bir-riżultat ikun:
Favur: 2 (DSH, VB, AD)
Kontra: 2 (JAE, AGS)
Għalhekk l-emenda m' għaddietx.

54.2.5 Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti kif-emendati.
Il-Kunsillier JAE u l-Kunsillier AGS iddikjaraw li huma ma japprovawx il- minuti peress li ma qablux ma' ċertu punti li hemm fil-materja 53.5.1 u 5.15.1
Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur : 3(DSH, VB, AD)
Kontra: 2 (JAE, AGS)
Astensjonijiet: 0

**54.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

54.3.1 **CLADDING MAL-BINI TAL-BAŻI MARITTIMA TAL-FORZI ARMATI TA' MALTA**

54.3.1.1 Saret laqgħa mal-Onorevoli Ministru Dr Michael Farrugia li hu responsabbli mis-Sigurta Nazzjonali, li għaliha kienu preżenti biss is-Sindku DSH, l-Viċi Sindku VB u s-Segretarju Eżekuttiv.
Ġie diskuss il-*cladding* li jiksi l-bażi marittima tal-Forzi Armati ta' Malta f' Xatt it-Tiben, li l-Kunsill jara li ma jmurx mal-ambjent tas-swar li jiċċirkondawh.
Il-Ministru nfurmhom li dak il-kuluri sar apposta bi skop ta' siġurta'.

54.3.1.2 Il-Kunsillier AGS ma qabilx mar-raġuni li ngħatat għax qal li ma tagħmilx sens. Filwaqt li tenna li ma setax jattendi għal din il-laqgħa, irrimarka kemm ilu jistenna l-Kunsill biex jingħata appuntament mal-Onorevoli Ministru Dr Ian Borg u mal-Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici.
Intant kompla li kien ser jindaga personalment ma' uffiċċjali tal-armata li jaf hu biex ikun ċert treġġiex ir-raġuni li ngħatat mill-Onorevoli Ministru Farrugia.

54.3.2 **POPOLAZZJONI TAL-FLORIANA**
Fil-Gażżetta tal-Gvern tad-19 t' Ottubru 2018, għall-fini tal-Artiklu 73 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali ġie mħabbar li l-popolazzjoni tal-Floriana fl-1 ta' Jannar 2018 kienet ta' elfejn u erbgħa w tletin (2034) persuna.

54.3.3 **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**
Id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali nforma lill-Kunsill li l-Ministru kien approva b' effett mit-18 t' Ottubru 2018, il-ħatra tas-Sur Svetlik Flores bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Floriana, u dan skont l-Artiklu tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) u Regolament 7 tal-LS 363.2 (Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

54.3.4 **IL-FESTIVAL TAN-NAR TAL-ART MEKKANIŻŻAT**
Is-Sindku DSH rriferit għal-xniejat li qed jixterdu dwar kif se jonqos il-kalibru ta' dan il-festival minn għidut ta' xi wħud li ġew allarmati, meta saru jafu fuq social media,li issa ser jibda jiġi organiżżat b' kollaborazzjoni mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.
Enfasiżżat u kkonfermat li l-intenzjoni tal-Kunsill hi li dan il-festival ser jibqa jippromwovi biss it-talent artiġjanali u tradizzjonali pirotekniku Malti a bażi tal-Fond tal-Kultura.

54.3.5 **PAGAMENTI DOVUTI GĦAL STREET FURNITURE**
Saret referenza għal ħlas pendenti relattiv ma' street furniture minn żewġ kumpaniji ewlenin.
Kumpanija minnhom injorat kull talba għal- laqgħa biex jiġu identifikati is-siti tar-reklami tagħha, waqt li l-oħra wara ħafna tentattivi, kellha tipproduċi abbozz ta' kuntratt li għandha ma' Kunsill ieħor, biex jiġi skrutiniżżat mill-avukat tal-Kunsill, iżda diversi gimgħat wara dan għadu ma wasalx.
Intant sar magħruf li l-Kunsill indikat għandu problemi b' dan il-kuntratt.
Għalhekk dawk preżenti qablu li wara ħafna telf ta' żmien u flus, għandha tittieħed azzjoni legali skont il-parir tal-Avukat tal-Kunsill.

54.3.6 **IS-SUR JUSTIN ATTARD**
Wara laqgħa mitluba u miżmuma mal-Avukat tas-Sur Justin Attard, l-Avukat tal-Kunsill ikkonferma l-ispejjeż msemmija fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ. Il-Kunsill irid josserva r-regolarmenti finanzjarji

u ma jistax ikun li jaqbad u jiddeċiedi jaċċettax jew le il-proposta tas-Sur Attard. Għalhekk qabblu li għandu jittieħed parir legali, minn għand id-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll minn għand l-Awditur Ġenerali fuq dan il-każ.

54.3.7 **Ferris Wheel fuq il-Fosos**

Wara li ġew mitqiesa iċ-ċirkostanzi marbuta ma' l-applikazzjoni tal-Ferris Wheel fuq tarf minnhom tal-Fosos, il-Kunsill iddeċieda li jikkomunika mat-taqsima tal-Wirt Storiku fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikun hemm xi kjarifiki.

54.3.8 **Vending Machine tal-ilma tax-xorb**

Il-kumpanija li tipprovdi ilma minn *vending machine* issottomettiet żewġ proposti ta' fejn dawn jistgħu jiġu stallati.

Il-Kunsill innota li post minnhom aktarx jaqa taħt ir-responsabilita' tal-Ministeru tas-Saħħa peress li hu biswit l-Ispiżerija tal-Gvern. Għalhekk din il-kumpanija għanda tindaga mal-Ministeru tas-Saħħa dwar il-possibilita' li tistalla magna hawn. Wieħed jinnota li hemm żewġ garaxxijiet li jiżbokkaw f' dan l-ispazzju kif wkoll li hemm numru ta' fosos.

Rigward il-post l-ieħor indikat, dak biswit il-Hockey Club, inzerta eżatt fejn imminenti ser isir il-proġett tal-Floriana Football Club.

Għalhekk il-Kunsill jirrikomanda li din il-kumpanija għanda tfittex siti alternattivi bħal ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini, u mingħajr ma jintilfu spazzji ta' parkeġġ.

**54.4** **Rapporti**

54.4.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

**54.5** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

54.5.1 **Tarmac Fund**

Il-Viċi Sindku VB informa lil dawk preżenti li Reġjun Xlokk kien appik li jqassam il-fondi lil dawk il-Kunsilli li applikaw għall-fondi biex isir it-tarmak. Il-Kunsill ser isegwi l-istruzzjoniijet tar-Reġjun biex jibbenefika minn dawn il-fondi.

54.5.2 **Bicycle racks qrib il-Każin tal-Banda Vilhena**

Il-Kunsillier JAE irrikomanda li jitwaħlu żewġ *bicycle racks* quddiem l-imsemmi każin taħt il-loġoġ, peress li uffiċjal tal-każin ilmenta li dawk li qed jiġu bir-roti qed iħamġu l-ħajt.

Is-Sindku nfurmatu li ftit lil hinn, quddiem il-Kunsill hemm waħda u jistgħu jużaw lilha.

L-ispazzju quddiem il-każin ġa ngubrat b' sufani, siġġijiet u mwejjed, għalhekk ġie suġġerit jew jitwaħħlu Triq il-Miratur jew Triq is-Suq bejn it-taraġ u l-loġoġ. Il-Kunsill jistenna li jiġi propost lok aktar addatat mingħajr ma jintilfu spazzji ta' parkeġġi.

54.5.3 **Skema ta' restawr ta' galleriji tal-injam f' marsamxett**

Il-Kunsillier JAE irrikomanda li ssir kommunikazzjoni mas-Segretarji Parlamentari responsabbli mill-Ippjanar u dak tal-Fondi Ewropej sabiex wieħed jara kemm hu possibbli li l-fondi ta' din l-iskema jkunu estiżi biex jintużaw għal restawr ta' gallerija tal-injam tradizzjonali fil-Floriana peress li din tinsab fiż-żona tal-Port ukoll.

54.5.4 **Inċident ħdejn l-iskola**

Il-Kunsillier JAE semma inċident li setgħa jkollu konsegwenżi traġiċi meta ġimgħatejn qabel, waqt li t-tfal kienu ħerġin mill-iskola, ma kienx hemm Pulizija, u għaddiet karozza mit-triq tal-iskola, li bi sbrixx ma tajjritx tifel. Intant bil-paniku li qam l-Assistenta Surmast ħassa ħażin u kellha tittieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa.

Is-Sindku DSH fakkret li l-Kunsill mhux responsabbli għal waqt il-ħruġ tat-tfal mill-iskola u li l-Kunsill kien ħa ħsieb isiru tabelli li jipprojbixxu li jgħaddu karozzi minn din it-triq f' dan il-ħin.

Il-fatt li ma kienx hemm Pulizija hija responsabilita tal-Kummissarju tal-Pulizija u s-Surmast tal-iskola għandu jirraporta dan l-inċident.

Irrimarkat imma li ma setatx kienet l-Assistenta Surmast li ħassa ħażin għaliex din ilha li telqet mill-Floriana għadd ta' ġimgħat qabel.

Irreferit għal-laqgħa li kellha hi u s-Segretarju Eżekuttiv (MLL) inqas minn ġimgħatejn qabel mas-Surmast u l-Assistent tiegħu u ratha stramba li fost diversi materji li ġew diskussi dan l-inċident ma ssemmiex mis-Surmast jew l-Assistent tiegħu.

54.5.5 **Tkeċċija ta' ħaddiem mill-kunsill**

Il-Kunsillier JAE talab li jkun jaf ir-raġuni li ħaddiem allokat mal-Kunsill tkeċċa.

Ġie nfurmat mis-Sindku bis-sensiela twila ta' abbuż li kien qed jeżerċita fil-konfront tal-ħaddiema kollha tal-Kunsill, inkluż abbuż verbali u nuqqas gravi ta' osservazzjoni ta' regolamenti u prattiċi sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba fil-Kunsill. Dan ġie konfermat mis-Segretarju Eżekuttiv.

54.5.6 **Spazzji ta' Parkeġġ**

54.5.6.1 Il-Kunsillier AGS issuġerixxa li l-Kunsill ikollu spazzju ta' parkeġġ ieħor quddiem l-uffiċju.

Ġie nfurmat li dan mhux permess a bażi tar-Regolamenti msemmija fid-dokument 'Permenent Traffic Management Policies and Guidlines' maħruġ minn TM

54.5.6.2 Il-Kunsillier AGS issuġerixxa li jittieħdu passi sabiex il-*coaches* kollha li jipparkjaw fi Triq Sarria ma jdumux hemm aktar minn 20 minuta. Semma li għanda tkun introdotta sistema ta' parkeġġ favur ir-residenti. Is-Sindku DSH u l-Viċi Sindku VB infurmawh li l-iskemi ta' parkeġġ ikkontrollat, bħal m' għandhom il-Belt Valletta bħalissa huma mwaqqfa. Kunsilli oħra applikaw għal- By Law li għadhom qed jiġu kunsidrati mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali.

54.5.6.3 Il-Viċi Sindku VB irrimarka li l-ispazzji ta' parkeġġ li suppost huma riservati għal karozzi uffiċċjali tal-Pulizija ta' quddiem id-Depot qed jintużaw minn karozzi privati probabli ta' membri tal-korp li suppost ikun t' eżempju u r-residenti huma urtati b' dan l-aġir.

Il-Viċi Sindku VB talab li għandu jkun infurmat b' dan il-Kummissarju tal-Pulizija.

54.5.7 **Toroq li ser jiġu tarmaced minn Infrastruttura Malta**

Is-Sindku DSH infurmat lil membri preżenti li Infrastruttura Malta, fil-jiem li ġejjin, kienet ser tgħati tarmac lil dawn it-toroq:-

Triq Sarria peress li qed tisfronda;

Triq il-Fosos sa Triq San Publju minn ħdejn l-Istitut Kattoliku sa z-Zuntier tal-Knisja;

Pjazza San Publju.

54.5.8 **Zebra Crossing fi Triq Ġilormu Cassar**

Il-Kunsillier AGS irrimarka li għandu jsir tfakkira lil Transport Malta sabiex iż-żebra crossing li hemm fi Triq Ġilormu Cassar tersaq il-fuq madwar 10 metri għax fejn hi hemm periklu peress li tinsab wisq qrib il-kisra.

**54.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;**

54.6.1 Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati.

**54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

54.7.1 Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 44.07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

54.7.2 Il-Kunsillier JAE astjena mill-pagament 356.

54.7.3 Wara mozzjoni mressqa mill- Kunsillier AD u ssekondata Viċi Sindku VB ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

54.7.4 Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda tal-Petty Cash datata – 30 t'Ottubru, 2018.

Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill- Kunsillier AD ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-Petty Cash indikati, bir-riżultat ikun favur nem con.

**54.8** **Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**54.9** **Offerti Pubbliċi**

54.9.1 **ICT –SAGE - Tiġdid ta' Ftehim**

Peress li l-ftehim mal-ICT dwar is-sistema tas-SAGE kien wasal biex jiġġeded, nħarġet memo interna relattiva. Il-membri preżenti unanimament approvaw li dan għandu jiġġeded.

54.9.2 **G4S - Tiġdid ta' Ftehim**

Peress li l-ftehim mal-G4S (Cash in Transit) dwar il-ġbir u d-depożitu tal-cash kien wasal biex jiġġeded, il-membri preżenti unanimament approvaw li dan għandu jiġġeded għal sitt xhur oħra.

54.9.3 **Computer/Server Ġdid**

Hekk kif il-computer tas-Segretarju Eżekuttiv ma' baqax jaħdem, ġie mixtri u stallat computer/server ġdid skont memos interni maħruġa minħabba l-urġenza tal-każ bl-appovazzjoni formali tal-membri.

54.9.4 **Tenders pendenti**

F' dawn il-jiem ser jiġu ffirmati l-kuntratti relattivi mat-tenders tas-Soft Areas, tal-ġbir tal-iskart imħallat u tat-tiswija tat-toroq kif ukoll il-konċessjoni tal-gabbana tal-KG V.

54.9.5 Intant il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti l-abbozz tal-Konċessjoni tal-ġbir ta' skart riċikabbli.

54.9.6 Fl-aħħar ta' din il-ġimgħa ser jiġu pubblikati it-tender tal-ftuħ, l-għeluq u tindif tal-ġonna u tindif tal-public convenience kif ukoll it-tenders relatati mal-proġett tal-KG V, dak tar-rinovazzjoni tal-*public convenience* u dak tal-istallazzjoni tal-playground u *gym equipment*.

**54.10** **Korrispondenza**

54.10.1 **Talba għal Parkeġġ minn SailCoach**

Saret talba minn SailCoach sabiex jitpoġġa container Taħt il-Forka sabiex jinħażnu dgħajjes tal-imsemmija entita'.

Is-Sur Trevor Millar, fundatur u direttur eżekuttiv ta' SailCoach, talab laqgħa mas-Sindku, fejn offra li jekk il-Kunsill jaċċetta t-talba mressqa, kien ser jisponserja tagħlim ta' ibburdjar għal ġimgħa għal għaxart itfal mill-Floriana, liema talba u proposta tresqu għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Il-membri preżenti innotaw li din hi żona biswit bażi military.

Ġiet ikkunsidrata wkoll il-Leġislazzjoni Sussidjarja - Regolamenti dwar Attivitajiet li jirrikjedu permessi mill-Kunsilli Lokali – (LS 441.04..4a).

Għalhekk il-membri preżenti unanimament m' aċċetawx din ir-rikjesta biex jadirixxu ma' dawn ir-Regolamenti.

54.10.2 **Talba mill- Komunita' Franġiskana**

Il-Komunita' Franġiskana fil-Floriana kitbu lill-Kunsill peress li l-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes ser tagħlaq mitt sena u li beħsiebhom jippubblikaw ktieb komemorattiv bl-istorja tal-Kappella u li għalhekk kienu qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex jippubblikaw dan il-ktieb.

Saret kommunikazzjoni verbali mas-Sur Publius Xuereb waqt il-laqgħa sabiex jiġi konfermat meta dan pjanat li ser jiġi pubblikat, fejn irriżulta li dan ser jintebagħ fl-2020.

Għalhekk il-Kunsill, filwaqt li kkunsidra li ftit xhur ilu kien ġia ikkolabora mal-Franġiskani tal-Floriana biex sar restawr, issuġerixxa li din it-talba għanda titressaq aktar il-quddiem.

54.10.3 **AĊĊESS GĦAT-TRAFFIKU MINN TRIQ EMVIN CREMONA LEJN IL-BELT**

Tlett entitajiet, l-Awtorita' tal-Ippjanar, Malta Properties u Finco Group, kitbu lill-Transport Malta, sabiex ikun permess li karozzi privati jkunu jistgħu joħorġu minn Triq Emvin Cremona lejn il-Belt Valletta direttament. Huma kkupjaw lill-Kunsill biex ikun jaf bis-suġġeriment tagħhom.

Peress li l-Kunsill kien ġia ħa l-istess inizzjattiva xhur qabel mal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku, il-membri preżenti qabblu li l-Kunsill għandu jiltaqa ma dawn it-tlett entitajiet sabiex flimkien jagħmlu sforz biex imexxu dan is-suġġeriment li jnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku l-ewwel lejn il-Ħamrun u wara lejn il-Belt Valletta, jiġi frankat fuel u jitnaqqas it-tniġġis tal-arja.

54.10.4 **Skema Finanzjarja favur il-Kommunita – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports**

Il-Kunsill ikkonsidra l-iskema mnedija mid-Dipartiment tal- Gvern Lokali – Strateġija u Implimentazzjoni, fejn ġie propost li jorganizza sensiela ta' 'lezzjonijiet' ta' zfin u arti addatati apposta għal tfal u adulti inkluż anzjani. Il-Kunsill joħroġ biss 15% tal-ammont globali. Ġiet avviċinata skola ta' zfin lokali rinomata li proponiet program dettaljat bil-prezz komplessiv ta' €3300.

Il-membri preżenti unaniment qabblu ma' din il-proposta li allura ser tiġi sottomessa għal-kunsiderazzjoni w approvazzjoni tad-Direttur għal Gvern Lokali – Strateġija u Implimentazzjoni.

54.10.5 **Pedestrian Crossings**

54.10.5.1 **Pedestrian Crossing quddiem il-Kurja**

Il-Kunsill ġie mgħarraf li impjegata tal-Arbitru kienet ikkomunikat mal-Kunsill biex issir *zebra crossing* biswit l-uffiċċju tagħhom minħabba l-periklu li huma u klijenti jsibu biex jaqsmu din it-triq.

Filwaqt li din sal-laqgħa kienet għada ma resqitx l-ilment tagħha bil-miktub, ġie konfermat lil-Kunsill kien għadu qed jistenna lill-Arbitru li jsib sponsor u jgħin biex jinkisbu xi permessi meħtieġa.

54.10.5.2 **Pedestrian Crossing quddiem id-Dar tal-Anzjani**

Ġie nnotat li ż-żebra crossing ta' ħdejn id-dar tal-anzjani tal-Floriana, għandha bżonn li terġa tinżebagħ. Il-Kunsill għandu jara li din issir.

54.10.6

**Distribuzzjoni ta' kontenituri tal-immaniġjar tal-iskart domestiku**

Wara li WastServ ħabbret li ser tqassam il-kumplament tal-kontenituri għall-imaniġjar tal-iskart, il-Kunsill ikkunsidra li jieħu inizjattiva billi joffri post ieħor minn fejn seta' jsir dan it-tqassim.

Wara li l-Kunsill indaga li uffiċċju ma kienx kbir biżżejjed għat-tqassim tal-kontenituri, il-membri preżenti ssuġġerew li jkun jista' jitpoġġa container f' post fejn ma tellifx iżda fejn wieħed ikun jista' jmur bil-karozza jew bil-mixi.

Il-membri ssuġġerew li l-container ikun jista' jitpoġġa fil-parking biswit Porte de Bombe u għanda ssir kommunikazzjoni ma' Transport Malta biex jaraw dan hux possibbli partikolarment għal benefiċċju tar-residenti.

**19.50. Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat.**

54.10.7 **Ċelebrazzjoni ta' żwieg fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana fl-20 ta' Settembru 2019**

Saret kommunikazzjoni minn koppja dwar quddiesa ta' żwieġ li ser jiġi ċċelebrat fl-20 ta' Settembru 2019, waqt li jkunu għaddejin iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa tal-Indipendenza.

In vista li f' din iż-żona jitpoġġa trailer, il-Kunsillier JAE issuġerixxa li għandhom jidderiġu din it-talba lill-Partit Nazzjonalista.

**19.55. Il-Kunsillier AD reġa' daħal għal-laqgħa.**

**Peress li kienu skorrew tlett siegħat mill-bidu tal-laqgħa, is-Sindku talbet li din tiġġeded b' nofs siegħa. Il-membri kollha approvaw din l-estensjoni fil-ħin tal-laqgħa.**

**54.11** **3RD QUARTER FINANCIAL STATEMENTS**

Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart.

Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni sabiex dan ir-rapport jiġi approvat, issekondata mill-Kunsillier AD. Ittieħed vot bir-riżultat ikun wieħed favur unanimament.

**19.55. Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat għal kumplament tal-laqgħa.**

**54.12** **TIŻJIN TAL-MILIED**

Hekk kif il-Kunsill kien qabel li tiżżejJen Triq Sant' Anna fil-laqgħa preċedenti, illum il-membri preżenti kkonfermaw unanimament li għandhom jiżżejnu wkoll iz-zkuk tas-siġar tal-palm alternattivament fl-istess triq bil-prezz ta' €400.

**54.13** **TWAĦĦIL TA' LAMPI ĠODDA**

Il-Kunsill approva li jitwaħħlu lampi ġodda (*hanging*) waħda fi Triq Antonio Agius, tnejn fi Triq il-Fosos waħda ħdejn is-supply area, u oħra faċċata tal-Blokka tal-Bini tal-Gvern.

Intant ġie nnutat li hemm lampa ta' mal-ħajt li hi msadda ħafna fi Triq Anonio Agius u l-membri preżenti kollha qabblu li għanda tinbidel.

**54.14** **CAT CAFÉ FI PJAZZA ĠWANNI PAWLU XXIII**

Inħasset il-ħtieġa li jitpoġġa Cat Café fi Pjazza Papa Gwanni XXIII. Il-membri kollha preżenti qabblu li dan jista jsir u għandu jiġi ordnat mill-aktar fis sabiex l-annimali ma jbatux fix-xhur kesħin li ġejjin.

Intant ser tintalab laqgħa mad-Direttorat tal-Animal Welfare.

**54.15** **QALB FURJANIŻA, QALB ĦANINA**

Din is-sena qed jiġi propost li din il-kampanja ta' ġenerożita' tkun miftugħa għall-għaqdiet lokali kollha favur il-ħlas għall-kura medika ta' Kane Debattista kif ukoll għall-Community Chest Fund.

Il-Kunsill Lokali tal-Floriana, flimkien u bil-kollaborazzjoni tal-Kumpanija Dance Project ser jorganiżża sensiela ta' attivitajiet b'rizq il-Malta Community Chest Fund. Dawn ser ikunu:

Kunċert tal-Milied fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju, nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru fis-7.30pm.

*Carols Singing* fil-lokalita', nhar is-Sibt 22 ta' Diċembru, bejn il-5pm u t-8.30pm, fil-Lukandi Phoenicia u Excelsior, Pjazza San Publju, il-Waterfront kif ukoll fid-Dar tal-Anzjani tal-Floriana.

Il-Kunsill għandu x-xewqa li dawn l-attivitajiet isiru taħt il-Patroċinju tal-Eċċelenzza Tagħha, il-President ta' Malta , peress li l-għan prinċipali huwa l-ġbir ta' fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund.

**54.16** **LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITÀ**

Il-membri preżenti qabblu li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' għandha tinżamm it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018 fis-7 ta' filgħaxija.

**54.17** **TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

54.17.1 Il-laqgħa intemmet fis-8:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Diċembru 2018 fil-5.00pm.

**Konfermati, llum 10 ta' Diċembru 2018.**

*Firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*Firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv